MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2007

Numru 896/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**vs**

**Christopher Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christopher Scerri ta’ 27 sena, iben Ronald u Grace nee’ Micallef, imwieled Pieta’ nhar il-11.09.1978 u li joqghod Plot 12, flat 2, Triq Hal Mula, Zebbug detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 419779M gie akkuzat talli:

Fil-Belt Valletta, nhar l-20 ta’ Awissu 2006, ghall-habta tat-tmienja w kwart ta’ filghodu waqt li kien ma persuni ohra, bil-hsieb li jghamel delitt u cioe’ serq ta’ diversi oggetti minn fond numru 8, Triq San Mark, il-Belt Valletta, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, lok, vjolenza kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija (Lm1000) ghad-detrment ta’ Dolores Agata Abdilla mill-Belt Valletta, wera dan il-hsieb b’atti esterni, u ta’ bidu ta’ l-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w ndipendenti mill-volonta’ tieghu;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ flus, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, lok kif ukoll bill-vjolenza, sar ghad-detrment ta’ Dolores Agata Abdilla mill-Belt Valletta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jghamel delitt u cioe’ li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tas-Surgent tal-Pulizija 697 Nigel Apap u tal-Kuntistabli 204 Robert Debattista f’periklu car, ikkaguna offiza ta’ natura gravi u permanenti fuq il-persuna tieghu permezz ta’ sustanza jew likwidu li hu korroziv, wera dan il-hsieb b’atti esterni, u ta’ bidu ta’ l-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w ndipendenti mill-volonta’ tieghu;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq is-Surgent tal-Pulizija 697 Nigel Apap u tal-Kuntistabli 204 Robert Debattista permezz ta’ sustanza jew likwidu li hu korroziv, skond ma ccertifika Dr. Pierre Farrugia MD ta’ l-isptar San Luqa;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ kontra s-Surgent tal-Pulizija 697 Nigel Apap u tal-Kuntistabli 204 Nigel Apap, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni mghoti skond il-ligi minn awtorita’ kompitenti, waqt liema attakk jew rezistenza, uza arma regolari, jew ha fuqu minn qabel din l-arma bil-hsieb li jghin dak l-attakk jew rezistenza, u nqabbad b’din l-arma fuqu;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ngurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tas-Surgent tal-Pulizija 697 Nigel Apap u tal-Kuntistabli 204 Nigel Apap, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jiew immobbli, liema hsara li teccedi l-valur ta’ hamsin lira maltin (Lm50), saret ghad-dannu ta’ Dolores Agata Abdilla mill-Belt Valletta

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jiew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il-valur ta’ ghaxar liri maltin (Lm10), saret ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta.

U aktar fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma regolari minghajr licenza mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qieghed jigi arrestat ghall-ghemil ta’ xi delitt, kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar, jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel diversi ufficjali tal-Pulizija waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b’ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 9 ta’ Awissu, 2007 (Ara fol. 162 tal-process) u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Dr. Franco Debono ghall-imputat iddikjara li l-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u dan bl-assorbiment tal-akkuzi fejn dan jissussiti.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 41, 261(a)(b)(c) u (e), 262, 263, 264(1), 265, 267, 269(g), 274(c), 277(b), 278, 279, 280, 281, 330, 325(1)(b), 325(1)(c), 214, 217, 218, 221(2), 95, 96, 97, 98, 338(ee), 17, 23, 31 u 533 tal-Kap. 9 u l-artikoli 3, 5, 6, 8, 51, 52, 55 u 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Issib lill-imputat Christopher Scerri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat, rigward it-tielet akkuza u r-raba’ akkuza tikkundanna lill-imputat Christopher Scerri ghall-piena komplessiva ta’ sitt (6) xhur prigunerija, rigward l-ewwel akkuza, it-tieni akkuza, il-hames akkuza, is-sitt akkuza, is-seba’ akkuza, it-tmien akkuza, id-disa’ akkuza, l-ghaxar akkuza u l-hdax-il akkuza wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Christopher Scerri ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u hames mija u sitt Liri Maltin u erbgha u

erbghin centezmi (Lm506.44c) multa li tikkomprendi s-somma ta' sitt Liri Maltin u erbgha u erbghin centezmi (Lm6.44c) rappresenti l-ammont tal-hsara volontarja kagunata ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta li tirrigwarda t-tmien akkuza migjuba kontra l-imputat u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' sentejn prigunerija moghtija limitatament rigward l-akkuzi kollha salv it-tielet akkuza u r-raba' akkuza m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Christopher Scerri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Christopher Scerri b'obbligazzjoni personali ta' mitt Liri Maltin (Lm100) li jzomm il-kwiet ma' PS 697 N. Apap u PC 204 R. Debattista ghal zmien sena millum.
Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti rispettivament bhala Dok. PAP 2, Dok. PAP 3 u Dok. PAP 5 u tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok. PAP 1 u Dok. PAP 6.
Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Christopher Scerri sabiex fi zmien xahrejn (2) millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' tlett mija u tmienja u sebghin Liri Maltin u tnejn u tletin centezmi (Lm378.32c) rappresentanti l-ispejjez inkorsi rigward in-nomina tal-Esperti nominati fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok RB 1.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Christopher Scerri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------